

**S4.2.5**

Nirriċerkaw l-istorja tal-miġja tan-Normanni f'Malta fis-sena 1091 u nikklassifikaw ir-riċerka f'jew LEĠĠENDA jew fi STORJA.

## A. Ikteb LEĠĠENDA jew STORJA fil-kaxxi l-vojta.

1. Il-Konti Ruġġieri rebaħ il-battalja kontra l-Għarab li kien hawn Malta fis-sena 1091 w.K. __________
2. In-Normanni kienu Nsara. __________
3. Wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru, l-Għarab bdew iħallsu l-ħaraġ lin-Normanni fi Sqallija. __________
4. Il-Konti Ruġġieru tana l-bandiera Maltija. __________
5. Il-Konti Ruġġieru għamel ftehim mal-Għarab biex jieqaf il-ġlied. __________
6. Il-Konti Ruġġieru poġġa l-ewwel ġebla tal-Katidral tal-Imdina. __________
7. Il-Konti Ruġġieru keċċa lill-Għarab kollha minn Malta. __________
8. Wara li rebħu lil Malta, in-Normanni baqgħu sejrin u rebħu lil Għawdex. __________
9. L-Għarab kienu ta' twemmin Musulman. __________
10. Il-Konti Ruġġieru u s-suldati Narmanni telgħu mal-irdumijiet ta' Miġra l-Ferħa biż-żwiemel tagħhom. __________

## B. Ikteb VERU jew FALZ.



1. In- Normanni kienu ġellieda tajba. ________
2. Il- Konti Ruġġieru kien jiġġieled l-għedewwa tal-Insara. ________

3. Wara Malta, il-Konti u n-Normanni rħewlha lejn l-Afrika. _______

## Ċ. Qabbel bin-numri

| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-Kap ta' Malta fi żmien l-Għarab | | kien imexxi s-suldati Normanni. |
| 2. Il-Konti Ruġġieru | | minn Sqallija. |
| 3. In-Normanni ġew Malta | | il-gżejjer Maltin kienu taħt l-Għarab. |
| 4. Ir-reliġjon Musulmana | | kien jissejjaħ Qadi. |
| 5. Is-suldati Normanni | | kienu ġellieda tajba. |
| 6. Qabel intrebħu mill-Konti Ruġġieru | 4 | kienet ir-reliġjon tal-Għarab. |

## D. Wieġeb.

1. Għaliex il-Konti u s-suldati tiegħu riedu jieħdu lil Malta taħt idejhom?

______________________________

______________________________

______________________________

2. Għaliex taħseb li xi Maltin ferħu meta l-Konti ħa lill-gżejjer tagħna taħt idejh?

______________________________

______________________________

______________________________

3. Fejn marru n-Normanni wara li għabbew ix-xwieni tagħhom?

______________________________

______________________________

______________________________

4. Immaġina li inti kont il-Qadi ta' Malta.

   Ikteb mistoqsija li kont tistaqsi lill-Konti Ruġġieru waqt il-ftehim taħt it-tinda.

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

## E. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqta' sing taħtha:

1. Il-Konti Ruġġieru ġie Malta minn (Sqallija, Għawdex, Franza, Spanja).
2. Hawn Malta l-Konti Ruġġieru ġab miegħu suldati (Spanjoli, Normanni, Tuneżini, Russi).
3. Hawn Malta, il-Konti Ruġġieru u s-suldati tiegħu ġġieldu kontra (l-Ingliżi, l-Franċiżi, l-Ispanjoli, l-Għarab) u rebħulhom.
4. Wara li rebaħ lil Malta, il-Konti Ruġġieru rebaħ ukoll (lill-Eġittu, lit-Tuneżija, lill-Amerika, lil Għawdex).

## F. Imla l-vojt b'dawn il-kliem.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sqallija | ma tkeċċewx | Għawdex | żwiemel |
| ġellieda | l-Imdina | il-Kap | l-Għarab |



Il-Kontu Ruġġieru kien ____________ tas-suldati Normanni li ġew Malta ħafna żmien ilu. Huma ġew Malta minn ____________ permezz tax-xwieni tagħhom. Dak iż-żmien hawn Malta kienu jikkmandaw ____________. In-Normanni kienu ____________ tajbin ħafna u malajr ħarġu rebbieħa. Is-suldati rebbieħa ħadu

mingħand it-telliefa armi, flus u ___________. Wara din ir-rebħa l-Konti Ruġġieru u s-suldati tiegħu baqgħu sejrin fil-belt ewlenija ta' Malta li kienet ___________ . Qabel telqu lura, marru ___________ minn fejn għabbew fuq ix-xwieni tagħhom iktar affarijiet. Il-Konti Ruġġieru għamel ftehim mal-Għarab li kien hawn Malta. L-Għarab ___________ minn Malta imma darba kull sena kellhom imorru Sqallija u jagħtu fidda lin-Normanni.

## G. Qabbel billi tikteb in-numri minn 1 sa 5 fil-kaxxi l-vojta:

| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-Konti Ruġġieru kien | | kienu ta' reliġjon Musulmana. |
| 2. Meta l-Konti Ruġġieru ġie Malta | | kienu ġellieda tajba. |
| 3. In-Normanni ġew Malta | | il-kap tan-Normanni li rebħu lil Malta. |
| 4. L-Għarab f'Malta | | kienu jaħkmu l-Għarab. |
| 5. Is-suldati Normanni | | minn Sqallija. |

## Ġ. Pinġi b'kulur isfar il-kaxxa li jgħoddu għall-1091.

| | | |
|---|---|---|
| Kien hawn il-karozzi | In-nisa kienu jilbsu l-jeans | Kien hawn ftit bini |
| Ħafna nies kienu Musulmani | Kien hawn ħafna ilsiera nsara | Kien hawn ħafna bdiewa |
| In-nies kienu jgħixu ġo vilel | Biex jivvjaġġaw użaw il-bhejjem | Ir-reġina kienet tikmandana |